MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 396/2005

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Khaled Hassan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u sebgha mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM1,726.55,0), ammont rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut u fuq struzzjonijiet tieghu stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata is-6 ta' Mejju tas-sena 2005 u tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalemnt u bl-mghaxijiet legali mid-data tal-**

**fattura relattiva, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------